**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 10 ta' Dicembru, 2019**

**Talba Nru: 324/2019 PM1**

**Carmena Dalli (ID Nru. 539937(M))**

**Vs**

**Desira Enterprises (C56396)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-22 t' Ottubru, 2019 illi s-socjeta` konvenuta ghandha tigi ordnata thallas is-somma ta' elf u hames mitt euro (€1500) rapprezentanti kumpens ghall-hsara sofferta mill-attrici bhala konsegwenza ta' perkolazzjoni ta' ilma fil-proprjeta` li tinsab fil-pussess taghha mill-proprjeta` sovrastanti u wkoll b'rizultat tal-izvilupp maghmul mis-socjeta` konvenuta wkoll fil-proprjeta` sovrastanti l-appartament tal-istess attrici.

Ra d-dokument anness mat-talba senjatament ir-rapport peritali mahrug mill-Perit Nicholas Samut-Tagliaferro (fol. 2 tal-process).

Illi s-socjeta` konvenuta giet debitament ingunta in subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta` konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma deher hadd ghaliha ghas-seduta tat-3 ta' Dicembru, 2019 u lanqas ghas-seduta ta' llum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mir-rapprezentant legali tas-socjeta` attrici fis-seduta tat-3 ta' Dicembru, 2019 u fil-fatt is-socjeta` konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondi ghalih.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Illi n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra. Mir-rapport peritali ezebit jirrizulta wkoll li l-ammont mitlub jirrapprezenta hsara sofferta mill-attrici bhala konsegwenza ta' ingress ta' ilma mill-proprjeta` sovrastanti u wkoll rizultat tal-piz tal-izvilupp sovrastanti.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-attur tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' it-talba u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta sabiex thallas lill-istess attrici s-somma mitluba ta' elf u hames mitt euro (€1500) rapprezentanti kumpens ghall-hsara sofferta minnha bhala konsegwenza ta' perkolazzjoni ta' ilma fil-proprjeta` li tinsab fil-pussess taghha mill-proprjeta` sovrastanti u wkoll b'rizultat tal-izvilupp maghmul mill-istess socjeta` konvenuta ukoll fil-proprjeta` sovrastanti l-appartament tal-attrici bl-ispejjez kontra l-istess socjeta` konvenuta.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**